Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 437 / 2016

Il-Pulizja

Vs

Jean Claude Hili

Illum 25 ta' Jannar, 2017,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Jean Claude Hili detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 14795 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fix-xahar ta' April 2016, fil-Gzejjer Maltin;

1. Naqas li jaghti lil Kimberly Tabone, is-somma ta' € 200 kull erba' gimghat, ffissata minn din il-Qorti jew stipulate fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u / jew martu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-26 ta' Settembru, 2016, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 338 (z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti sabet lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ikkundannatu ghal xahar detenzjoni.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Jean Claude Hili, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-4 ta' Ottubru, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokha nkwantu l-piena li giet inflitta u minflok timpani piena aktar gusta w ekwa skond il-ligi ghall-kaz odjern u tikkonfermaha fil-bqija.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Jean Claude Hili huma s-segwenti w cioe':-

Ili l-aggravvju tal-esponent huwa manifest u jirrigwardja l-piena nflitta mill-ewwel Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet hawn imfissra w cioe':

L-ewwel u l-uniku aggravju:

1. Illi l-esponent spjega lil Onorabbli Qorti tal-Primm Istanza illi huwa kellu diffikultajiet finanzjarji kbar minhabba l-introjtu baxx li ghandu

w ghalhekk kien fl-impossibilita illi jhallas is-somma ta' mitejn ewro fix-xahar.

2. Illi tenut kont dawn ic-cirkostanzi l-piena inflitta fuqu hija wahda eccessiva, u tenut kont wkoll illi l-esponent qatt ma kellu kazi serji ohra mal-Qorti precidentament.

Ikkunsidrat,

Illi ghalkemm jirrizulta illi l-appellant fil-fatt kien tardiv fil-hlas tal-manteniment fit-terminu pprevist fl-artikolu 338(z) tal-Kap 9, madanakollu dan il-hlas issa sar u l-appellant qieghed jittempra ruhu mal-obbligu tieghu li jisomministra l-mantement lill-parte leza. Fic-cirkostanzi ghalhekk hemm lok ghal temperament fil-piena.

Ghaldaqstant din il-Qorti qeghda tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt illi tikkonfermha fejn din sabet lill-appellant hati tal-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu tirrevoka in kwantu ikkundannatu ghal xahar detenzjoni u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena m'illum.

Il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur